**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 30 ta' Jannar 2025**

**Rikors Numru 561/2023**

**Joseph Borg KI 0272951M, Emanuel Borg KI 0542885M, Crispino Borg KI 0542755M, Carmel sive Charlie Borg KI 0794356M,**
**Paul Borg KI 073162M,Martha Camilleri nee Borg KI 0218753M,**
**Maria Cauchi Borg KI 638454M,Helen Grech nee Borg KI 520259M**
**Joseph Saliba KI 471457M Philip Saliba KI 289166M**
**Pio Saliba KI 316962M Magdalena-Anna magħrufa Magdalen Manley KI 0954929 Isabella Grainger KI 371561M**
**Maria Pia magħrufa bħala Mariella Holmes KI 110960M**
**Jane drabi oħra magħrufa bħala Giovanna Chadwick**
**Giacinta magħrufa bħala Giacinta May drabi oħra magħrufa bħala Cynthia Drury KI 370768M**
**In-Nutar Dotto Philip Saliba KI 75122(M)**
**Joanne sive Janine Vella KI 845853(M) Mario Sammut KI 111155(M) Mary Dolores sive Doreen Vella KI 532658(M) Josanne Galea KI 2247629(M) Bernadette Dimech KI 63059(M) Veronica Mifsud KI 173562(M)**

**-vs-**

**Michael Grech (KI 0075542M) u Salvina Grech (KI 150842M)**

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat mir-rikorrenti fil-15 ta' Novembru 2023, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

1. *Illi permezz tal-causa mortis fl-Atti tan-Nutar Ann Fenech Adami , tat- tletin (3) ta' Novembru 2000, Caterina Borg,armla ta' Anthony Borg, Joseph Borg, Martha Camilleri, Maria Cauchi , Crispino Borg, Emmanuele Borg, Carmel Borg u Helen Grech, wirtu skond dispożizzjonijiet testamentarji li ħalla Anthony Borg wara l-mewt tiegħu fil-ħdax ta' Lulju 2000 (11.07.2000), permezz tat-testment unica carta tas-16 ta' Marzu 1989, fejn ħalla fost oħrajn lil martu Caterina Borg l-użufrutt u l-ulied kollha werrieta fi kwoti indaqs liema dikjarazzjoni causa mortis hawn anessa u mmarkata bħala DOK C;*

2. *Illi permezz tat-testment tas-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elf disgħa mija u disgħa u tmenin (1989) Caterina Borg innominat u istitwixxiet bħal uniċi eredi universali u padruni assoluti tal-assi ereditarji tagħha u padruni assoluti tal-assi ereditarji tagħha kollha għal wara mewtha lill-uliedha , Joseph Borg , Emanuel Borg, Crispino Borg, Carmel sive Charlie Borg, Paul Borg, Martha Camilleri nee Borg, Maria Cauchi Borg, Helen Grech nee Borg, lkoll aħwa Borg , bejniethom ½ indiviż ta' appartament li illum iġib in-numru uffiċjali mija tnejn u għoxrin (122), internament immarkat bħala numru wieħed (1) , ġewwa Triq Ġużè' D'Amato ġewwa Ħal-Tarxien, liema dikjarazzjoni causa mortis qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala DOK D;*

3. *Illi permezz tat-testment ta' Jospeh Saliba KI 684123(M) datat tmienja (08) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980), fl-atti tan-Nutar id-Dottor Paul Pullicino , li miet fit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007), ħalla prelegat lil ħuh Anthony Saliba (li miet qablu) fl-għoxrin ta' Ġunju tas-sena elf digħa mija disgħa u tmenin (1989), il-pjena propjeta' tas-sehem li d-decuius mid-dar tar-residenza tiegħu u innomina eredi lil erbgħa ħutu l-komparenti nutar Dottor Philip Saliba, Carmelo Saliba, Anthony Saliba u Agnes mart Rosario Sammut fi kwoti indaqs bejniethom , u bis-sostituzzjoni ta' uliedhom f'kaz ta' premorjenza;*

4. *Il-beni in komuni tal-eredi fi kwoti fuq imsemmija kienu : (i) sesta parti indivisa (1/6) ta' flat numru tnejn (2) bieb numru disgħa u tmenin (89) Sir Temi Żammit Street, qabel Saint Monica Street . Tarxien, (ii) sesta parti indiviża (1/6) ta' fond 'White Lady' numru tlieta u disgħin (93) Saint Monica Casal Pawlu (iii)sesta parti indiviza (1/6) tal-flat numru tnejn (2) 'Mario Flats' bil-bieb numru mija tnejn u għoxrin (122) ġja (132) Triq Ġużè D'Amato Casal Paola (iv) sesta parti indiviża (1/6) tal-fat numru tnejn (2) Mario Flats bil-bieb numru mija tnejn u għxorin (122), (ġja 132) fi Triq Ġużè' D'Amato Casal Paola, liema dikjarazzjoni causa mortis qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala DOK E;*

5. *Illi permezz tat-testment ta' Carmela Saliba tas-sena sitta u għoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012), ħatret u innominat u issostitwixxit bħala*

*werrieta universali tagħha padruni assoluti tal-ġid kollu tagħha lit-tmien ulied tagħha Joseph , Giovanna magħrufa bħala Jane mart John Chadwich , Maria Pia magħrufa bħala Mariella, Isabella, Pio, Maddalena Anna magħrufa bħala Magdalen Philip, Giacinta magħrufa bħal Cynthia aħwa Saliba fi kwoti indaqs bejniethom wieħed minn tanx-il sehem (1/12) indiviż ta' appartament li illum iġib in-numru uffiċjali mija tnejn u għoxrin (122), internament immarkat bħala numru wieħed (1) , ġewwa Triq Ġuże' D'Amato ġewwa Ħal-Tarxien, liema dikjarazzjoni causa mortis qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala DOK F ;*

6. *Illi dan il-fond kien ilu mikri minn qabel is-sena 1995 versu l-kera ta' mija sitta u tmenin ewro ħamsa u tletin ċenteżmu (€186.35) kull sitt xhur;*

7. *Illi l-intimati qegħdin jiddepożtaw l-kera taħt l-Awtorita' tal-Qorti ġja' mis-sena permezz taċ-ċedoli, 1462/2021 depożitata fl-1 ta' Ġunju tas-sena 2021, 2974/2021 li ġew depożitati fil-21 ta' Ottubru 2021, 1492/2022 li ġew depożitati fid-9 ta' Mejju 2022, 1389/2023 li ġew depożitati fit-2 ta' Mejju 2023, 3039/2023 li ġew depożitati fit-2 ta' Ottubru 2023;*

8. *Illi r-rikorrenti jridu jivvalu minn Artiklu 4A (2) tal-Kap 69 tal-liġijiet ta' Malta, fejn qed jitolbu li l-kera tiġi riveduta sal-ammont ta' 2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond fl-1 ta' Jannar 2023 u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda tal-kera;*

9. *Illi kif provdut f'Artiklu 1622 A tal-Kodiċi Ċivili titlob ukoll lill- dan il-Bord biex iwettaq test tal-mezzi tal-kerrej **Michael Grech KI 0075542M u Salvina Grech KI 150845M** hekk kif inhu stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) , u li dana jibda mill-ewwel (1) ta' Jannar 2023, biex tiġi stabbilita sarx xi trasferiment ta' proprjeta' mobbli jew immobli, kif ukoll fuq il-kapital tal-kerrejja fil-31 ta' Diċembru 2022;*

10. *Illi l-Bord jordna l-ħlas ta' żieda fl-ammont ta' kera waqt il-pendenzi tas-smigħ ta' rikors preżentat;*

*Tgħid għalhekk l-intimat l-għaliex, għar-raġunijiet fuq premessi, m'għandux dan l-Onorabbli Bord, salv kull dikjarazzjoni oħra li jidhirlu neċessarju skont il-liġi:-*

*1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimati **Michael Grech KI 0075542M u Salvina Grech KI 150845M** huma l-inkwilini tar-rikorrenti fil-fond 122,(ġja 132) flat 1 Triq Ġuże' D'Amato Ħal-Tarxien., u jikkwalifikaw bħala l-kerrejja ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021, u b'hekk huma intitolati jkomplu jokkupaw d-dar tal-abitazzjoni ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021;*

*2. Jappunta Perit Arkitett biex jagħmel valutazzjoni tal-proprjeta' 122, flat 1 Triq Ġużе' D'Amato Ħal-Tarxien., skond is-suq liberu u frank mill-1 ta' Jannar 2023;*

*3. Jiddeċiedi fuq żieda fir-rata tal-kera pendente s-smigħ tar-rikor preżentat ai termini tal-artiklu 4A (6) tal-Att numru XXIV tal-2021;*

*4. Jordna li jitwettaq test tal-mezzi mill-1 ta' Jannar tal-2021 fuq* ***Michael Grech KI 0075542M u Salvina Grech KI 150845M*** *u fuq il-kapital fil-31 ta' Diċembru 2022;*

*5. Jordna t-terminazzjoni tal-kirja u żgumbrament tal-istess intimati f'każ li l-kerrejja ma jissodisfawx il-kriterju tad-dħul u tal-kapital test tal-mezzi msemmija taħt artiklu 12B;*

*6. Jiddikjara r-rata l-ġdida ta' kera fl-ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq u d-data minn mindu din ir-rata se tibda tkun applikata f'każ li l-kriterji tad-dħul u tal-kapital u test tal-mezzi jkunu sodisfatti;*

*7. Jiddikjara l-kundizzjonijiet ġodda u /jew addizzjonali tal-kera li l-intimati u d-data minn mindu dawn se jiġu applikati se tibda tkun applikata f'każ li l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi jkunu sodisfatti;*

Ra r-risposta ta' Michael Grech et ppreżentata fis- 27 ta' Mejju, 2024, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

1. *ILLI preliminarjament jinkombi fuq l-atturi li oltre kwalsiasi kjarifika jew prova ulterjuri dwar it-titolu ndikat minnhom fil-kuntratti u atti ndikati minnhom u s-suċċessjoni relattiva tad-defunt Anthony Borg (fosthom b`dik li suppost kellha tkun proċedura apposita għal ftugħ ta` suċċessjoni intestata) u tal-frazzjonijiet ndikati minnhom, juru wkoll li huma effettivament is-sidien kollha fil-kwoti rispettivi ndikati minnhom u li huma tassew konxji ta` u parteċipi f`dawn il-proċeduri u li dak indikat fir-rikors promotur jirrifletti r-rieda u l-kunsens tagħhom;*

2. *ILLI fir-rigward tal-Ewwel Talba rikorrenti, l-esponenti Michael Grech u Salvina Grech jiddikjaraw li huma l-inkwilini tar-rikorrenti u ilhom minn qabel 1995 jgħixu fil-fond 122, Flat 1, Triq Guże D`Amato, Ħal-Tarxien, u dan bħala l-unika residenza tagħhom;*

3. *ILLI fir-rigward tat-Tieni Talba, l-esponenti Michael Grech u Salvina Grech m`għandhomx oġġezzjoni għal ħatra ta` Periti Arkitetti sabiex jeċċedu għall-propjeta`, diment li tali ħatra tkun a spejjeż tar-rikorrenti, mertu tal-kawża biex iħejju relazzjoni dwar il-valur tal-propjeta`;*

4. *ILLI fir-rigward tat-Tielet Talba rikorrenti, l-esponenti konjugi Grech joggezzjonaw li l-kirja minnhom attwalment imħallsa għandha tkun riveduta u tiżdied kif huwa qed jiġi mitlub mir-rikorrenti, stante li l-konjugi Grech ilhom jirrisjedu fih, sa minn qabel is-sena 1995, u dunque b'titolu ta' kera valida u protetta bil-ligi, kif ukoll, matul is-snin, saru ħafna xogħolijiet fih a spejjeż tal-esponenti, fosthom manutenzjoni straordinarja, sabiex il-post jibqa` abitabbli u dan bla ebda talba għal kompens mir-rikorrenti, dunque l-esponenti ndukraw sew il-fond mertu ta` dawn il-proċeduri;*

5. *ILLI fir-rigward tar-Raba' Talba tar-rikorrenti, l-esponenti ma jsibu l-ebda diffikolta` li jsir it-test tal-mezzi;*

6. *ILLI fir-rigward tal-Ħames Talba tar-rikorrenti, l-esponenti li huma t-tnejn anzjai, jispegaw li l-propjeta`in kwistjoni hija l-unika residenza tagħhom, u dunque għandhom jitqiesu li għandhom kull dritt jibqgħu jgawdu mill-protezzjoni ta` inkwilinat mogħtija lilhom mil-liġi, u għaldaqstant l-ebda talba jew provvediment għal zgumbrament ma għandha tintlaqa';*

7. *ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti wkoll joġġezzjonaw bil-qawwa kollha li jekk l-eżitu tat-test tal-mezzi ikun wieħed negattiv, dan l-Onorabbli Bord li jirregola l-kera, għandu jordna lill-esponenti jivvakaw l-propjeta' mertu tal-kawża u dan fiż-żmien sentejn skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 4 A (3) (D), u dan kif ser ikun trattat fil-mori tal-kawża dwar l-iżgumbrament inkluż dak li ġie deċiż mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

8. *ILLI rigward is-Sitt Talba tar-rikorrenti, l-esponenti ċertament ma għandhomx il-mezzi li jmorru oltre l-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tal-kriterji u thresholds tat-test tal-mezzi, fil-waqt li f`każ li tiġi ordnata kwalsiasi reviżjoni ta` kera, din għandha tagħmel tajjeb għaliha l-Awtorita` tad-Djar skont l-Iskema konnessa ma` dawn it-tip ta` proċeduri.*

9. *ILLI fir rigward tas-Seba` Talba, u b`rabta mas-suespost iżda mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, f`każ ta` kwalsiasi reviżjoni ta` kera u valutazzjoni li taf issir fir-rigward, u li għandha tagħmel tajjeb għalihom l-Awotrita` tad-Djar, l-esponenti jfakkru wkoll li f`dak il-każ għandu jittieħed ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li kwalsiasi żieda fil-valur tal-propjeta` in kwistoni hi wkoll attribwibbli għall-benefikati u manutenzjoni li saru fl-istess propjeta` mill-esponenti matul is-snin;*

10. *Salv eċċezzjonojiet ulterjuri.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` tad-Djar** ippreżentata fid-29 ta' Frar, 2024, li permezz tagħha ddikjarat is-segwenti:-

*Illi l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-kera tal-fond.*

*Illi qabel xejn dan il-bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.*

*Illi l-Awtorita` tad-Djar giet notifikata f' din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita` tad-Djar ghandha id-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala intervenuta fil-kawza. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f' dan il-kaz ma tistax tkun kundannata thallas xi kera u ma ghandiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.*

*Illi il-Periti mahtura bil-ligi ghandhom jaghtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuh imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors. Mela il-valur irid isir tal-fond li hemm kif qed jigi mikri u mhux kif jista' jigi sviluppat. Kieku ried hekk il-legislatur kien jghid hekk referenza issir ghas-sentenza Catherine Cauchi v Remigio Cassar et Rik 315/20 Qorti Kost deciza 12/07/2023 li tittratta il-kwistjoni jekk fond ghandux jigi valutat bil-"potenzjal" tieghu u it-tifsira ta' dan. .*

*Illi jigi rilevat li f' kaz li l-inkwilini jissoddisfaw it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tigi fissata f' ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69, jew Art 12B tal-Kap 158.*

*Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindika il-mod kif l-Awtorita` tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika. Ghal iktar informazzjoni wiehed jista' jidhol fuq: https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx*

*Illi jigi rilevat li l-inkwilini ikunu jistghu jibbenefikaw minn skema ta' sussidju tal-kera jekk jikkwalifikaw skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema – fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilini iridu ikunu qieghdin jabitaw fil-fond bhala residenza ordinarja taghhom.*

*Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord.*

Ra n-Nota Ġuramentata tal-intimati li flimkien magħha ġew ippreżentati diversi dokumenti;

Ra r-rapport tal-Membri Tekniċi tal-Bord;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra illi dan ir-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi dokumentarji prodotti jirriżulta illi r-rikorrenti jikru l-fond numru 122, Flat 1, Triq Guze` D'Amato, Ħal-Tarxien lill-intimati.

Illi fl-ewwel lok l-Awtorita` intimata u l-intimati talbu li r-rikorrenti iġibu prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond odjern. Fil-fehma tal-Bord din il-prova ġiet sodisfatta bid-dokumenti esebiti mar-rikors promutur.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-intimati pproduċew prova tad-dħul u tal-assi tagħhom.

Illi skont Regolament 2 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 sabiex inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi irid jissodisfa kemm il-kriterju tad- dħul u kif ukoll il-kriterju tal-kapital fil-limiti stabbiliti fl-istess Regolamenti.

Illi miċ-ċertifikat tat-twelid tal-intimati jirriżulta li fis-sena li nfetħet il-kawża l-intimati kellhom wieħed u tmenin (81) sena u tmienja u sebgħin (78) sena rispettivament.

Fir-rigward tal-livell ta' dħul, persuna li jkollha ħamsa u sebghin (75) sena jew iktar, tissodisfa l-kriterju tad-dħul tat-test tal-mezzi jekk id-dħul matul il-perjodu rilevanti ma jeċċedix il-hamsin elf ewro (€50,000).[1]

Fir-rigward tal-livell ta' kapital, persuna bl-eta` tal-intimata, biex tissodisfa t-test tal-kapital, l-istess kapital ma jridx jeċċedi is-sitt mitt elf ewro (€600,000) għall-perjodu rilevanti.[2]

---

[1] Ai termini ta' Regolament 3 (a) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għad-dħul bejn l-1ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena li jiġi intavolat fih ir-rikors abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar.

[2] Ai termini ta' Regolament 3 (b) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għall-kapital kif ikun fl-1 ta' Jannar, 2021, jew ħames (5) snin qabel ma jiġi intavolat rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, skont liema data tiġi l-ewwel.

Illi skont Regolament 7, fil-kalkolu tal-kapital għandu jitqies il-valur ta' kull proprjeta` immobbli li tkun tappartjeni għal kollox lill-inkwilin jekk ikollu l-pussess vakanti tal-istess proprjeta`, flus depożitati f'bank li jistgħu jinġibdu b'avviż ta' inqas minn tliet xhur, flus kontanti, depożiti għal perjodu ta' żmien, bonds, stocks, sigurtajiet u kull strument finanzjarju jew prodott finanzjarju ieħor.

In oltre, ai termini tar-Regolament 9, fil-każ li l-kerrej ikun miżżewweġ, it-test tal-mezzi għandu jinkludi d-dħul u l-kapital tal-konjuġi konġuntivament.

Illi minn eżami li għamel il-Bord tad-dokumenti esebiti, inkluż dawk bankarji, ma jirriżultax illi l-intimati jaqbżu l-ammonti ta' dħul u kapital imsemmija hawn fuq u kwindi jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u kapital tat-test tal-mezzi. Għalhekk il-Bord irid jgħaddi biex jiddetermina kemm għandha togħla l-kera.

Illi skont l-istima tal-Membri Tekniċi tal-Bord il-fond in kwistjoni għandu valur fis-suq liberu u frank ta' mitejn ewro (€200,000).

Illi l-leġislatur ħalla f'idejn dan il-Bord biex jawmenta l-kera sa massimu ta' tnejn fil-mija (2%) pero` mingħajr ma ta l-ebda linji gwida kif għandu jsir dan l-awment. Għalhekk il-Bord irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha ppreżentati quddiemu u jasal għal persentaġġ li fil-fehma tiegħu ikun ġust. Illi filwaqt li min-naħa waħda l-Bord għandu quddiemu intimati li, skont mill-informazzjoni pprovduta, għandhom depożiti u investimenti li ma jistgħux jitqiesu negligibbli, min-naħa l-oħra hemm sidien li ma jistgħux jiddisponu kif iridu mill-proprjeta` tagħhom.

Illi dan il-Bord huwa konxju tal-għadd ta' sentenzi kostituzzjonali ppronunzjati favur is-sidien ta' fondi suġġetti għal kirja regolata bil-Kapitolu 69 qabel dan gie emendat bl-Att XXIV tal-2021 u fejn ġie dikjarat li ġie leż id-dritt tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta`. Għalhekk dan il-Bord huwa tal-fehma illi jrid joħloq bilanċ ġust bejn id-dritt tas-sid li jieħu frott mill-proprjeta` tieghu u d-dritt tal-inkwilin li jkompli fit-tgawdija tal-fond fejn jgħix. Il-Bord jirrileva li huwa wkoll konsapevoli tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet

Fundamentali tal-Bniedem fejn id-direzzjoni hija li l-awment ghandu jkun lejn il-massimu iktar milli lejn il-minimu.[3]

Illi l-Bord huwa wkoll konsapevoli tal-għajnuna li tista' tingħata lill-inkwilini f'każijiet ta' awment ta' kera ta' kirjiet protetti. Kif jirriżulta mid-dokument ippreżentat mar-risposta tal-Awtorita` tad-Djar, l-inkwilin jista' jiġi mgħejjun mill-imsemmija Awtorita` skont il-proċedura stabbilita mill-istess Awtorita`. Di fatti fil-kawża fl-ismijiet **Maria Pintley vs L-Avukat tal-Istat et**[4], il-Qorti Kostituzzjonali meta trattat dwar l-artikolu 12B tal-Kapitolu 158[5] tenniet:

*"22. Dan apparti li m'hemm xejn x'iżomm lill-Bord milli jiffissa r-rata ta' kera viċin ta' 2% tal-valur tal-fond meta jqis l-iskema li introduċa l-Gvern għas-sussidju tal-kera f'residenzi mikrija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, u li biha jkopri l-parti l-kbira tal-awment fil-kera (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-Qorti, **Lorenza Zarb v. Carmelo Caruana** et tat-30 ta' Ġunju, 2021, kif ukoll tagħrif dwar l-iskema fil-website tal-Awtorita` tad-Djar)"*[6]

Għalkemm iċ-ċitata sentenza kienet qiegħda titratta kwistjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-opinjoni tal-Bord l-istess insenjament japplika wkoll għall-awment ta' kirjiet taħt il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta peress li fejn jirrigwarda il-kriterji tat-test tal-mezzi u l-awment il-proċedura hija identika.

Illi, għalhekk, wara li l-Bord qies il-ġurisprudenza li żviluppat dawn l-aħħar snin, il-valur tal-fond in kwistjoni, il-mezzi tal-inkwilini u l-interessi tas-sidien, huwa tal-fehma illi jkun ġust li l-kera tal-fond in kwistjoni togħla bi 2% tal-valur tal-fond kif stmat mill-Membri Tekniċi tal-Bord. Għaldaqstant il-kirja awmentata għandha tkun ta' erbat elef ewro (€4000) fis-sena.

---

[3] Ara **Gerald Camilleri et vs l-Avukat Generali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 2020, **Anthony Cesareo pro et noe et vs L-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 u **Cauchi vs Malta** deċiża mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021

[4] 1 ta' Diċembru 2021

[5] L-Artikolu 12B kien ġie introdott bl-Att XXVII tal-2018 sabiex ikun hemm mekkaniżmu biex tiġi miżjuda l-kera taħt il-Kapitolu 158 u sabiex tingħata protezzjoni biss lil min jikkwalifika għat-test tal-mezzi

[6] *Fil-każ ta' pensjonanti u nies li jgħixu bil-benefiċċju soċjali jkopri l-awment sa massimu ta' €10,000 fis-sena, filwaqt li fil-każ ta' min jaħdem bi qligħ id-differenza bejn 25% tal-qligħ u l-kera stabbilita mill-Bord sa massimu ta' €10,000.*

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Bord jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-intimati billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimati Michael Grech KI 0075542M u Salvina Grech KI 150845M huma l-inkwilini tar-rikorrenti fil-fond 122, (ġja 132), Flat 1, Triq Ġużè D'Amato, Ħal-Tarxien, u jikkwalifikaw bħala l-kerrejja ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021, u b'hekk huma intitolati jkomplu jokkupaw id-dar tal-abitazzjoni;

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba;

3. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba stante li llum qed tingħata sentenza finali;

4. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba;

5. Jiċħad il-ħames talba;

6. Jilqa' s-sitt u s-seba' talba u jordna li r-rata l-ġdida ta' kera għall-fond 122, (ġja 132), Flat 1, Triq Ġużè D'Amato, Ħal-Tarxien għandha tiġi riveduta fl-ammont ta' erbat elef ewro (€4000) fis-sena, pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem mid-data ta' din is-sentenza ;

7. Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**